MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 29/2003

**Mario P. Grech**

**vs**

**It-Tabib Ewlieni tal-Gvern u**

**l-Accountant General**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni datata l-10 ta' Jannar, 2003, li permezz taghha l-attur ippremetta sintetikament is-segwenti:

1.1. Illi jopera negozju ta’ manifattura u bejgh ta’ nuccalijiet u ta’ prodotti relatati;

1.2. Illi kien rebah offerta ghall-fornitura ta’ nuccalijiet tal-vista lid-Dipartiment tas-Sahha li l-hlas ghalihom kellu jsir mill-istess Dipartiment skont rati fissi u prestabbiliti;

1.3. Illi ghalhekk ipprovda diversi fornituri ta’ nuccalijiet tal-vista, (ara foll 5 u 6);

1.4. Illi ghal dawn il-fornituri ghada dovuta lill-attur is-somma ta’ tmint elef erba` mija u sitt Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu, (Lm8,406.21);

1.5. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

1.6. Illi ghalhekk l-attur adixxa din il-qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex din m’ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri ta’ l-attur fis-somma ta’ tmint elef erba` mija u sitt Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu, (Lm8,406.21), dovuti kif fuq espost;

1.6.2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur din l-istess somma;

1.6.3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu wkoll l-imghax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%), mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;

1.6.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-istess citazzjoni, (ara foll 3);

3.0. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 t'Ottubru, 2003, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti:

3.1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati;

3.2. Illi fi kwalunkwe kaz, l-attur irid jipprova li l-konsenji li saru kienu suggett ta' ftehim dwar prezz gust, u dan, meta l-meritu ta' l-istess kien suggest ghal Inkjesta Magisterjali;

3.3. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-istess nota, (ara foll 12);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-1 ta' Dicembru, 2003, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, hatret perit komputista hemm riferit, (ara foll 15);

6. Rat ir-relazzjoni peritali ppresentata *in atti* fil-15 t'Ottubru, 2014, (ara foll 64 u 69) *et sequitur*;

Ikkunsidrat:

7. Illi b'kuntrast ghall-ammont ta' zmien ezageratament twil mehud mill-kontendenti biex iwasslu l-procedura odjerna sa l-istadju prezenti, il-perit komputista sbriga r-relazzjoni tieghu f'zewg (2) pagni skarsi, (ara foll 71 u 72);

8.0. Illi fl-istess relazzjoni altament sintetika prodotta, l-espert komputista involut jesponi s-segwenti:

8.1. Illi permezz tal-procedura odjerna l-attur qieghed jitlob l-ammont ta' tmint elef erba` mija u sitt Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu, (Lm8,406.21), (ara foll 71);

8.2. Illi mid-dokumentazzjoni annessa fl-istess relazzjoni jirrizulta addirittura li kien hemm qbil bejn il-kontendenti li l-attur thallas hamsin fil-mija, (50%), tal-ammont lilu dovut mill-konvenuti, senjatament li thallas erbghat elef u mitejn Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu, (Lm4,200.61);

8.3. Illi konsegwentement il-konvenuti ghad ghandhom jirrifondu l-hamsin fil-mija, (50%), l-ohra rimanenti lill-attur;

Ikkunsidrat:

9. Illi ghandu jkun pacifiku li l-procedura kif sintetikament esposta qatt ma kellha tiehu dan iz-zmien kollhu riskontrat biex tigi rizolta, (ara paragrafu numru wiehed punt zero, (1.0.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

10. Illi anke tenut kont tal-ftehim fuq il-meritu espress mill-kontendenti kif riskontrat mill-perit komputista involut, (ara foll 72), din il-qorti taghmel taghha il-konkluzjoni tal-istess perit komputista fuq l-ammont dovut u pretiz, u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.1. Tiddikjara lill-konvenuti fuq indikati debituri ta' l-attur fis-somma ta' disghat elef seba` mija u erbgha u tmenin Ewro u disa` u sebghin centezmu, (€9,784.79);

10.2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur Mario P. Grech l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

10.3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu wkoll lill-istess attur l-imghax dovut bir-rata ta' tmienja fil-mija, (8%), skont il-ligi, mid-data tal-konsenja kif minnu mitlub, sad-data tal-effettiv pagament;

10.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------